Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11064 – MACQUARIE / IVANHOE / RHP PARTNERS MANAGER GP / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 114/07)

1. Fil-21 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Macquarie Real Estate Investments Holdings (l-Amerka ta' Fuq), Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka, "Macquarie"), parti minn Macquarie Group,

— RHP Partners-Manager GP, LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka, "RHP"),

— IC USA LP (USA, "Ivanhoe"), ikkontrollata minn Caisse des dépôts et placement du Québec ("CDPQ", il-Kanada),

— RHP Partners III, LP (l-Istati Uniti tal-Amerka, "Impriża Konġunta").

Macquarie, RHP u Ivanhoe se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Impriża Konġunta stabbilita ġdida.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Macquarie hija attiva fl-investiment fil-proprjetà immobbli fl-Amerka ta' Fuq,

— RHP tippossjedi u/jew topera komunitajiet ta' djar prefabbrikati fl-Istati Uniti,

— Ivanhoe hija attiva fl-iżvilupp ta' proprjetajiet u proġetti ta' proprjetà immobbli ta' kwalità għolja fl-Amerika ta' Fuq. L-impriża omm tagħha, Ivanhoe Cambridge, hija investitur immobiljari attiv fuq livell globali.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-Impriża Konġunta se jkunu: is-sjieda u l-operat ta' komunitajiet ta' djar prefabbrikati, u l-kiri u l-bejgħ ta' djar prefabbrikati f'komunitajiet bħal dawn fl-Istati Uniti.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita f' dan l-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11064 – MACQUARIE / IVANHOE / RHP PARTNERS MANAGER GP / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË